# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

17.9.2008 B6-0434/2008


# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura


minn Francis Wurtz, Gabriele Zimmer, Dimitrios Papadimoulis, Eva-Britt Svensson, Roberto Musacchio, Umberto Guidoni, Ilda Figueiredo u Mary Lou McDonald

f'isem il-Grupp GUE/NGL


dwar il-Pakkett Soċjali

**B6-0434/2008**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Pakkett Soċjali**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Aġenda soċjali mġedda: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-seklu 21' (COM (2008) 412 finali) u d-diversi dokumenti mhux leġiżlattivi li jakkumpanjaw dik il-Komunikazzjoni,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali (COM (2008) 414 finali),

– wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' l-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni għall-impjegati (riformolata) (COM(2008) 419),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2001 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill tax-xogħol Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008) 426 finali),

– wara li kkunsidra l-ftehim politiku milħuq fil-Kunsill dwar l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tad-9 ta' Ġunju 2008 dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol u d-Direttiva dwar il-Ħaddiema Temporanji,

– wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-kawżi Viking Line, Laval, Rüffert u l-Kummissjoni *v.* l-Lussemburgu u d-dibattitu politiku kontroversjali dwarhom,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ILO li ġejjin: ILO-94, Klawżoli tax-Xogħol (Kuntratti Pubbliċi); ILO-87, Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt ta' Organizzazzjoni; ILO-98, Dritt li Torganizza u tan-negozjar kollettiv; ILO-117, Għanijiet u Standards Bażiċi tal-Politika Soċjali, b'mod speċjali t-Taqsima IV; ILO-154, Negozjar Kollettiv, il-Konvenzjoni tal-ILO-MLC dwar ix-Xogħol Marittimu, u l-Aġenda tal-ILO dwar ix-Xogħol Diċenti,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Integrati dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi 2008 - 2010 u l-'Istrateġija tal-UE dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Ħarsien Soċjali',

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi waqt il-leġiżlatura attwali tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa

sabuha bi tqila ħafna biex jipproponu u jadottaw kwalunkwe leġiżlazzjoni ta' politika soċjali mfassala biex isir progress soċjali fl-Unjoni Ewropea,

B. billi l-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali li għandhom l-għan li jsir progress soċjali mhumiex fost l-erba' prijoritajiet uffiċċjali tal-Presidenza Franċiża attwali tal-Unjoni Ewropea, u billi dak li qed tgħid il-Presidenza, fis-sens li s-sena 2008 tkun 'is-sena li fiha tinbeda mill-ġdid Ewropa Soċjali' għaldaqstant mhux daqshekk kredibbli,

C. billi l-ftehim politiku milħuq fil-Kunsill dwar l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tad-9 ta' Ġunju 2008 dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol għandu l-għan li jkun hemm aktar deregolamentazzjoni tal-istandards minimi li diġà huma dgħajfa għall-ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kontra sigħat ta' ħidma irregolari u twal; billi l-ħidma attwali tal-Gvern Franċiz biex ineħħi l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ġimgħa ta' 35 siegħa xogħol u kampanji simili fi Stati Membri oħra għal iktar sigħat ta' xogħol jixhdu l-istess tendenza favur ir-rigressjoni soċjali,

D. billi s-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-kawżi Viking Line, Laval, Rüffert u l-Lussemburgu naqqsu d-dritt tal-istrajk u ta' negozjar kollettiv billi sostnew is-supremazija tal-libertajiet tas-suq intern fuq drittijiet soċjali fundamentali bħal dawn; billi f'dawn is-sentenzi l-istandards minimi ta' ħarsien soċjali stipulati fid-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema kienu intepretati bħala l-istandards massimi, u b'hekk ħadmu favur kompetizzjoni fit-tnaqqis tal-pagi fl-istess post tax-xogħol u ċaħdu lill-Istati Membri milli jistipulaw kundizzjonijiet tax-xogħol u remunerazzjoni aktar favorevoli għal ħaddiema stazzjonati skont il-liġi nazzjonali,

E. billi dawn l-iżviluppi kkontribwew ħafna għall-perċezzjoni pubblika mifruxa li l-UE qed tiffavorixxi wisq is-swieq ħielsa u l-kompetizzjoni u qed tabbanduna s-solidarjetà u l-progress soċjali; billi l-kriżi ta' leġittimità li qed taggrava, tal-Unjoni Ewropea wasslet għal distakk ikbar bejn il-proġett Ewropew ibbażat fuq is-swieq u appoġġat mill-elites tagħha u x-xettiċiżmu fost ħafna ċittadini Ewropej dwar 'il-valur miżjud' tal-politiki Ewropej fil-ħajja ta' kuljum u l-ġid soċjali tagħhom, kif rifless mill-ġdid reċentement mill-vot negattiv tal-Irlandiżi dwar it-Trattat ta' Liżbona,

F. billi, f'dan l-isfond, l-'Aġenda soċjali mġedda' ippreżentata mill-Kummissjoni trid tkun interpretata bħala sforz biex tikkalma r-rabja u l-iskuntentizza ta' parti kbira mill-popolazzjoni rigward it-trajettorja neoliberali attwali tal-proġett ta' integrazzjoni Ewropew; billi, madankollu, l-hekk imsejjaħ 'Pakkett Soċjali' jikkonsisti prinċipalment f'komunikazzjonijiet mhux leġiżlattivi, rapporti u rakkomandazzjonijiet, li l-effett tagħhom f'termini ta' promozzjoni ta' progress soċjali li jista' jitkejjel fl-Unjoni Ewropea huwa dubjuż,

G. billi, minħabba l-politiki monetarji u makro-ekonomiċi, prinċipalment il-Patt ta' Stabbilità, l-Istrateġija neoliberali ta' Liżbona u d-deċiżjonijiet tal-BĊE, mis-sena 2000 kien hemm tkabbir bil-mod fl-ekonomija u fl-impjiegi, tnaqqis fil-valur tax-xogħol, livelli ta' qgħad għolja u persistenti, faqar, xogħol prekarju u inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tad-dħul, fl-istess ħin flimkien ma' żieda fil-qliegħ tal-gruppi finanzjarji u ekonomiċi kbar li jibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni ta' setturi strateġiċi ta' produzzjoni u ta' servizzi pubbliċi bażiċi,

1. Iqis li l-'Pakkett Soċjali' huwa tentattiv imfassal ħażin biex itellef l-attenzjoni pubblika mill-pożizzjonijiet politiċi soċjalment rigressivi tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, bħall-pjanijiet għad-deregolamentazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol kif regolati mid-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol u l-effetti devastanti tas-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-drittijiet fundamentali u n-negozjar kollettiv;

2. Jirrimarka li l-Parlament Ewropew appella sabiex titneħħa gradwalment l-opt-out fl-ewwel qari tiegħu tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol; jikkritika bil-qawwa l-fatt li fil-ftehim politiku tal-Kunsill dik it-talba ġiet miċħuda; għaldaqstant jiddikjara l-oppożizzjoni tiegħu għall-ftehim tal-Kunsill;

3. Jinsisti li kwalunkwe reviżjoni soċjalment rilevanti tad-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol trid tiffoka fuq il-konċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata permezz ta' inqas sigħat ta' xogħol kuljum u kull ġimgħa; jenfasizza li l-opt-out trid titneħħa kompletament, li l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-ħin li fih wieħed jista' jissejjaħ għal fuq il-post tax-xogħol u l-perjodi kompensatorji ta' mistrieħ trid tkun implimentata u integrata kompletament fid-Direttiva, u li kwalunkwe tnaqqis fil-livell ta' ħarsien mogħti mid-Direttiva eżistenti jrid jitwaqqaf;

4. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jiddiskutu bir-reqqa l-kwistjonijiet imqajjma mis-sentenzi reċenti tal-Qorti; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kunsill biex jieħu azzjoni biex jiżgura s-supremazija tad-drittijiet soċjali fuq il-libertajiet tas-suq intern; għaldaqstant jitlob li ssir reviżjoni fil-fond tat-Trattati, sabiex titwitta t-triq għal Ewropa Soċjali; iqis li, jekk l-istituzzjonijiet Ewropej jonqsu milli jagħtu riżultati f'dan ir-rigward, il-kriżi serja ta' leġittimità tal-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew attwali se taggrava b'mod drammatiku;

5. Jinnota l-ewwel rapport biennali tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-UE; jinsisti li l-kwistjoni tas-servizzi ta' interess ġenerali hija punt importanti ieħor fejn jeħtieġ li jkun hemm reviżjoni tat-trattati; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet ċari fil-liġi primarja tal-UE li juru li beni pubbliċi, servizzi pubbliċi, servizzi ta' interess ġenerali u l-qasam li ma jagħmilx profitt ma jkunux suġġetti għar-regoli dwar il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern, iżda jiffurmaw settur li jkun immexxi biss mill-interess pubbliku u li jkun organizzat skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà fil-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet reġjonali u lokali rispettivi tagħhom, sabiex ikun żgurat it-tħaddim tajjeb tagħhom;

6. Ifakkar li t-Trattat ta' Liżbona diġà ġie miċħud mill-Irlandiżi fl-uniku referendum li sar dwaru fl-Unjoni Ewropea; jappella lill-Kunsill sabiex iwaqqaf il-proċess ta' ratifikazzjoni, u bħala l-ewwel pass lejn it-tiswija tas-sitwazzjoni, jintroduċi 'Klawżola ta' Progress Soċjali' bħala Protokoll li jorbot tat-Trattati eżistenti bil-għan li jkunu ċċarati l-punti li ġejjin:

- li t-Trattat ma jistax ikun interpretat f'sens li jaffettwa bi kwalunkwe mod l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri, inkluż id-dritt tal-istrajk u tal-azzjoni kollettiva fil-livell nazzjonali u wkoll id-dritt tal-istrajk u ta' azzjoni kollettiva transkonfinali;

- li dawn id-drittijiet jinkludu wkoll id-dritt jew il-libertà li jittieħdu azzjonijiet oħra koperti

minn sistemi speċifiċi ta' azzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, inklużi azzjonijiet immirati biex ikunu konklużi l-ftehimiet kollettivi li jmorru lil hinn minn pagi minimi u standards minimi;

- li t-Trattat ma jistax ikun interpretat f'sens li jaffettwa bi kwalunkwe mod ir-relazzjonijiet industrijali u s-sistemi ta' negozjar kollettiv kif rikonoxxuti fl-Istati Membri;

- li t-Trattat ma jistax ikun interpretat f'sens li jaffettwa bi kwalunkwe mod il-kompetenzi tal-Istati Membri fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar politika soċjali li tipprovdi għal standards iktar għoljin minn dawk stabbiliti fid-Direttivi tal-UE li jistipulaw standards minimi;

- li, fejn ikun hemm kunflitt bejn dawn id-drittijiet imsemmija hawn fuq u l-kompetenzi ta' politika soċjali jew is-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali tal-Istati Membri mar-regolamentazzjoni tas-suq intern jew mal-'libertajiet fundamentali' tas-suq intern, tal-ewwel (id-drittijiet fundamentali ecc.) għandhom ikunu superjuri fuq dawn tal-ahhar;

7. Jirrimarka li l-proġetti leġiżlattivi li hemm fil-'Pakkett Soċjali' għandhom l-għan li, jew iżidu l-liberalizzazzjoni tas-suq intern, bħal fil-każ tad-Direttiva proposta dwar 'l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali', li hija bbażata fuq il-proposti antiki ta' Bolkestein dwar il-kura tas-saħħa fil-qafas tad-Direttiva dwar is-Servizzi, jew huma neqsin mill-ambizzjoni f'termini ta' promozzjoni tal-progress soċjali, bħal fil-każ tal-proposta dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew, u għalhekk kuntrarjament għal dak li qed issostni l-Presidenza Franċiża, mhumiex għodod xierqa sabiex 'tinbeda mill-ġdid l-Ewropa Soċjali';

8. Jirrimarka li s-servizzi tas-saħħa kienu esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi fis-Suq Intern għal raġunijiet validi, minħabba li l-kura tas-saħħa hija parti mis-sistemi ta' sigurtà soċjali u hija qasam fejn mhemmx post għall-forzi tas-suq; jenfasizza li m'hemmx bżonn li l-Unjoni Ewropea tirregola l-kura tas-saħħa fuq il-bażi tar-regoli tas-suq intern u lanqas għandha l-kompetenza biex tagħmel dan; jinsisti li l-kwistjonijiet indirizzati mill-proposta ta' Direttiva tal-Kummissjoni jridu jiġu solvuti u rregolati bħala parti mill-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali (Regolament (KE) 883/2004);

9. Jikkritika bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali; jirrimarka li din il-proposta hija bbażata fuq approċċ tas-suq intern u hija mfassla prinċipalment biex tippermetti li nies iktar sinjuri u edukati aħjar jagħżlu kura tas-saħħa iktar irħisa minn pajjiżi oħra; iqis li l-proposta qed iddgħajjef l-ugwaljanza fis-sistemi tal-kura tas-saħħa, minħabba li r-rimbors għall-pazjenti minn Stati Membri ifqar mhux se jippermettilhom li jkopru l-ispejjeż għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja fl-Istati Membri iktar sinjuri;

10. Jikkritika bil-qawwa l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew (EWC) mhix ambizzjuża; ifakkar lill-Kummissjoni fit-talbiet tal-Parlament sabiex issir reviżjoni ta' dik id-Direttiva, li diġà kienu ddikjarati seba' snin ilu fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2001, li għadhom ma ġewx milqugħa;

11. Jenfasizza l-ħtieġa ta' reviżjoni tal-qalba tad-Direttiva EWC: definizzjoni mtejba ta' 'informazzjoni' u ' konsultazzjoni' (informazzjoni dettaljata bil-miktub pprovduta f'ħin

xieraq) u ta' kwistjonijiet 'transnazzjonali', it-tnaqqis tal-limiti għat-twaqqif ta' EWCs, ir-rikonoxximent tal-irwol u d-drittijiet li għandhom it-trejdjunjins u kundizzjonijeit tax-xogħol imtejjba għall-EWCs, penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-kumpaniji li ma jagħtux każ tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, u l-istabbiliment ta' dritt tal-veto tal-EWCs fuq pjanijiet ta' ġestjoni għar-ristrutturazzjoni, l-inkorporazzjoni u t-teħid ta' kontroll ta' kumpanija jew is-sensji, il-postponiment ta' kwalunkwe deċiżjoni finali sakemm l-EWC tkun f'pożizzjoni li tipproponi soluzzjonijiet alternattivi u dawn diġà ġew diskussi fid-dettall bejn l-EWC u l-tmexxija;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed tipproponi Direttiva orizzontali fejn id-diskriminazzjoni barra l-post tax-xogħol issir illegali; jikkritika bil-qawwa l-fatt li l-assikurazzjoni u prodotti finanzjarji oħra m'humiex koperti minn din id-Direttiva, nuqqas li jippermetti lill-industrija finanzjarja u tal-assikurazzjoni li tkompli tuża prattiċi diskriminatorji li jitolbu kontribuzzjonijiet ikbar minħabba r-riskji relatati mas-saħħa, l-età, is-sess u d-diżabilità;

13. Jenfasizza li jeħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw aċċess għall-impjiegi fl-UE, kif ukoll drittijiet ugwali, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-paga, n-negozjar kollettiv u l-protezzjoni soċjali; iħeġġeġ sabiex id-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti u tal-Membri tal-Familji tagħhom, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1990, jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet Ewropej u fid-deċiżjonijiet ta' qafas; jappoġġja l-idea ta' permess ta' residenza bl-iskop ta' tiftix ta' impjieg;

14. Jinnota l-għan tal-Kummissjoni li ttejjeb il-viżibilità u l-metodi ta' ħidma tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Ħarsien Soċjali u li ssaħħaħ l-interazzjoni tagħha ma' politiki oħra; madankollu jirrimarka li l-Kummissjoni u l-Kunsill ċaħdu t-talbiet tal-Parlament għal-linji gwida ġodda dwar l-Inklużjoni Soċjali li għandhom ikunu introdotti fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi 2008-2010 u b'hekk ċaħdu li jtejbu viżibilità u interazzjoni bħal din ma' politiki oħrajn;

15. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li tiffissa miri għat-tnaqqis tal-faqar (faqar b'mod ġenerali u faqar tat-tfal, faqar waqt li wieħed għandu impjieg u faqar persistenti fuq perjodu twil ta' żmien), u l-proposti tagħha dwar livell minimu ta' dħul permezz ta' pensjonijiet u l-aċċess għal u l-kwalità tal-kura tas-saħħa (it-tnaqqis tal-mortalità tat-tfal, it-titjib tal-istatus tas-saħħa u tat-tul mistenni tal-ħajja, eċċ.) għall-fażi li jmiss tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Ħarsien Soċjali; jinsisti li miri bħal dawn iridu jkunu stipulati wkoll fir-rigward ta' skemi ta' dħul minimu (60% tad-dħul medju komuni nazzjonali) u pagi minimi (60% tal-paga medja nazzjonali jew speċifika għal settur) sabiex ikunu miġġieldin il-faqar u l-esklużjoni soċjali ;

16. Jappoġġa l-għan tal-Kummissjoni li tippromwovi l-kunċett ta' Xogħol Deċenti fil-politiki interni u esterni tal-UE; jirrimarka li wieħed mill-pilastri importanti tal-kunċett tax-Xogħol Deċenti huwa l-idea ta' 'impjieg magħżul liberament', li jrid ikun garantit; għaldaqstant jinsisti, li l-Istati Membri jirrevedu l-politiki tas-suq tax-xogħol li jisfurzaw lin-nies qiegħda li jaċċettaw impjiegi b'pagi baxxi u prekarji li ma jkunux għażlu liberament, jew li jaħdmu għall-benefiċċji soċjali (workfare programmes);

17. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għall-inkorporazzjoni tal-istandards internazzjonali

tax-xogħol marittimu (ILO MLC tal-2006) fil-liġi tax-xogħol Ewropea, fuq il-bażi tal-ftehim Ewropew bejn min iħaddem u t-trejdjunjins f'dak is-settur; jappoġġa wkoll il-ħidma tal-Kummissjoni fuq l-implimentazzjoni bi prijorità tal-konvenzjonijiet tal-ILO; jenfasizza, madankollu, li s-sentenza tal-ECJ fil-kawża Rüffert tikkontradixxi l-Konvenzjoni 94 tal-ILO, li tippermetti b'mod espliċitu li r-regolamenti tal-akkwist pubbliku jirrikjedu l-konformità mal-ftehimiet kollettivi; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqiegħdu l-Konvenzjoni 94 tal-ILO fuq il-lista għall-implimentazzjoni bi prijorità;

18. Jaqbel mal-Kummissjoni li hija meħtieġa aktar azzjoni biex jitnaqqas u jinqered id-distakk fil-pagi bejn is-sessi fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex isaħħu iktar il-qafas legali, sabiex jistipulaw l-għan tat-tnaqqis tad-distakk fil-pagi bejn is-sessi wkoll fir-rigward tal-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet tan-nisa, u fir-rigward tad-distakk fil-pagi bejn is-sessi fix-xogħol part time u d-distakk fil-pensjoni bejn is-sessi, u biex jippromwovu klawżoli ta' ugwaljanza fil-kuntratti pubbliċi;

19. Jinnota r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istrumenti u l-Politiki Komunitarji għall-Inklużjoni tar-Roma; jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni soda għall-Inklużjoni tar-Roma (il-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Roma) kif mitlub mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament dwar dan is-suġġett;

20. Jirrimarka li kwalunkwe 'Pakkett Soċjali' ta' valur, li jippromwovi  l-progress soċjali jrid ikun komplementat minn miżuri ta' appoġġ ta' politika ekonomika u strutturali; iqis li l-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir irid jiġi revokat u li l-politika monetarja tal-ECB trid issir ftit inqas stretta sabiex tirribatti l-effetti tat-tnaqqis fl-attività ekonomika attwali fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ifasslu 'Programm ta' Investiment Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali' li jkun tal-inqas ta' 1% tal-GDP tal-UE, u li għandu jkun komplementat minn programmi simili ta' investiment pubbliku mill-Istati Membri sabiex tkun stabilizzata l-ekonomija, tkun miġġielda l-bidla fil-klima u tkun tkun promossa s-sitwazzjoni ta' xogħol għal kulħadd b'impjiegi ta' kwalità u bi drittijiet soċjali ; jipproponi li l-Istati Membri jintroduċu wkoll miżuri biex jistabilizzaw u jtejbu l-poter tal-akkwist ta' nies bi dħul baxx (li jaffrontaw prezzijiet ogħla tal-ikel, tal-enerġija u tat-trasport), pereżempju billi jintroduċu tariffi soċjali fissi għall-gass, għall-elettriku, għat-telekomunikazzjonijiet, għat-trasport pubbliku eċċ.;

21. Jinnota li l-Istrateġija ta' Liżbona attwali tal-Unjoni Ewropea se tiskadi fl-2010; iqis li issa huwa ż-żmien li jingħata bidu għal riflessjoni bir-reqqa dwar strateġija għall-ġejjieni għall-perjodu wara l-2010; jenfasizza li l-enfasi attwali dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq u 'l-kompetittività' trid tkun abbandunata u sostitwita minn strateġija Ewropea integrata u ġdida għas-Solidarjetà u l-Iżvilupp Sostenibbli li tkun ibbażata fuq erba' pilastri ta' importanza ugwali (l-ekonomija, l-ambjent, l-impjiegi, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali);

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.